# 13

## Kcina bungalow Delile. Fil-ghaxija.

| | |
|---|---|
| BEATRICE | Inpoggu kollox qrib xulxin<br><br>l-ewwel xena se tkun hawn intom it-tnejn f'dil-kcina<br><br>il-gesti taghkom tas-soltu<br><br>Sur Delile imma jimporta nghajjatlek Pierre<br><br>Jien Beatrice Pierre inti zzomm il-flixkun tax-xampanja f'idek<br><br>Ingibulek idejk mill-qrib huma u jifthu t-tapp u paf tferrghu titkellmu<br><br>Tajjeb illum hija gurnata ta' festa ghalija<br><br>Rose inti tghid<br><br>Formidabbli<br><br>Pierre inti tistenna ftit u tghid<br><br>Fl-ahhar sibt xoghol ilni erba' snin nistenniha din ix-xampanja kemm qed inhossni kuntent inferraghha ghaliex veru misthoqqa<br><br>Tista' zzid<br><br>Allura ghaddew id-dwejjaq wasal il-jum tal-festa<br><br>Tajjeb int Rose int hares lejh u ghid<br><br>Ghaddejna minn mumenti koroh<br><br>Jien jien ma nkunx nidher imma ninstema' nitkellem off u nistaqsikom<br><br>Tahseb li tista' ssib impjieg?<br><br>Intom tibdew taghtu b'raskom ghal din il-mistoqsija u twiegbu |

| | |
|---|---|
| | Fil-qalb ta' qalbi hekk kont nahseb kienu l-ohrajn li ma kienux jahsbu hekk minn gurnata ghall-ohra kont nhares lejn l-avvizi klassifikati wiehed daqqa kien irid technician daqqa bejjiegh u jien kont nibghat is-cv bla twegiba jew inkella "ma jikkorrispondix ghall-profil rikjest" jew minhabba<br><br>Tiehdu belgha xampanja tkomplu<br><br>U minhabba f'hekk hsibt « Minhabba z-zmien li ghandek Pierre m'inti se ssib xejn aktar » |
| DELILE | Ghax jien ma ridtx nibqa' inattiv |
| BEATRICE | Ghidha ghidha<br><br>Ma ridtx nibqa' inattiv meta wiehed ikun inattiv wiehed isir ma jiswa xejn |
| DELILE | Fir-rapport tieghu mas-socjeta' mieghu nnifsu |
| BEATRICE | Tajjeb hafna Rose f'dal-mument titbissmu tergghu tiehdu belgha u jarawkom titbissmu u tghidu<br><br>Xi kultant nghid mhux veru li qed jigri da' kollu hija storja tas-sharijiet wara erba' snin shah l-esperjenza hija meraviljuza<br><br>Intom dejjem tghidu<br><br>Kollox huwa kkalkulat sa l-icken centezmu kont qed nahbi dit-tragedja mill-ghajnejn tad-dinja kollha ta' madwarna darba sa qatghulna d-dawl u la stajna nsahhnu d-dar u lanqas nixeghlu d-dawl<br><br>Tghidu<br><br>Diga' qas kellna iktar moral it-televixin qas stajna nharsu lejh iktar<br><br>Int Pierre tghid<br><br>Veru |

| | |
|---|---|
| | Rose f'dal-mument tqum u tghid<br><br>Imbaghad jien gieghltu jerga' jibda jmur bir-rota araw kien imur idur bir-rota matul dan iz-zmien<br><br>Pierre int tghid<br><br>Fortunatament kelli dak il-passatemp ghaliex kont ninhaleb naghmel hamsin sittin tmenin kilometru nasal ninsa kollox mohhi kien jissaffa<br><br>Rose int tghid<br><br>Kieku ma kellux ir-rota kien jaghmel xi wahda ma kienx jghaddilu x-xokk irid ikollok ghan go mohhok hu x'inhu<br><br>"cut"<br><br>imbaghad nghaddu ghas-sekwenza ta' bla kliem int qieghed fuq ir-rota tieghek tiela' t-teghla tbati<br><br>imbaghad jidher fit-traf tal-gnien u l-fence bit-triq warajk ghadek kif diehel fil-karozza |
| DELILE | M'ghandix karozza aktar |
| BEATRICE | Ah<br><br>Naghtuk wahda ahna tistartja l-karozza hekk kif qed tistartja Rose tohrog tigri mid-dar bil-pigama u tghajjatlek<br><br>Tinsiex il-hobz warajk<br><br>Ihares lejk jersaq lejk jghidlek<br><br>Ghamiltlek il-paste, il-banana<br><br>U t-telespettaturi jaraw is-CX bajda titlaq |
| DELILE | CX<br><br>Veru ? |

| | |
|---|---|
| BEATRICE | Xampanja CX imorru flimkien<br><br>Irridu nevitaw li naghtu mpressjoni ta' faqar<br><br>ix-xott li jmiss gewwa l-Bricomarket int qeighed bl-uniformi u l-maniger ta' fuqek dirett miexi mieghek qed jghidlek x'ghandek taghmel<br><br>il-parti tieghek Delile tibda minn din l-ixkaffa |
| DELILE | Imma jien suppost niehu hsieb l-ixkafef kollha |
| BEATRICE | Mela jghidlek<br><br>ix-xott ta' qabel ta' l-ahhar il-managing director qieghed fix-xena<br><br>stajna nimpjegaw wiehed zghazugh<br><br>imma s-Sur Delile kellu l-esperjenza<br><br>dan jaghti sigurta' lill-klijenti jaghti certu savoir-faire<br><br>l-ahhar xott nergghu lura fuqek jien minn barra li qed nintervistak<br><br>allura din l-ewwel gurnata kif hassejtek li mort ?<br><br>int tghid<br><br>wara erba' snin ma naghmel xejn   wiehed jibza' xi ftit imma f'temp ta' erba' sighat<br><br>jiena nwaqqfek<br><br>kburi bl-ewwel gurnata<br><br>inti tghid<br><br>iva kburi illi rbaht l-ostakolu ta' erba' snin qghad<br><br>inti qieghed close-up u tghid<br><br>u kburi li kkonfermajt li ta' tlieta u hamsin sena minix bniedem spiccut |

| | |
|---|---|
| DELILE | U x-xena ta' fuq ir-ramla |
| BEATRICE | Se naqtghuha |
| DELILE | Ghaliex? |
| BEATRICE | Ghas-simbolizmu jien ridt ir-ragel li jintefa' fl-ilma<br><br>Imma id-dawra bir-rota max-xatt mhix inqas simbolika |
| DELILE | U hemmhekk inkun fl-ambjent tieghi |
| BEATRICE | Ara<br><br>Li kollox ikun ta' veru<br><br>Hemm bzonn li l-inqas dettal ikun veru ghiduli<br><br>Diga' ghamiltu success f'temp ta' gurnata |
| MAD DELILE | Pierre diga' ghandu kuragg ta' ljun |
| BEATRICE | Perfett sewwa wisq Miz-zewg kandidati li baqa' jiena lilek narak ahjar bil-griehi ghadhom friski u jidhru u li ma tippruvax tahbihom u anke dik idek imwegga'<br><br>Il-kollega tieghi Adele tara l-affarijiet mod iehor jien u hi naqblu flimkien bil-punto di vista ftit differenti minn xulxin u dan importanti hafna<br><br>Hi iktar qed tiffavorixxi lil Blache |

| | |
|---|---|
| DELILE | Kellimtuh? |
| BEATRICE | Vincent jaqtaghha<br><br>Bi Blache ghalkemm dak li tirbah fil-kjarezza l-istampa titilfu mill-verita' umana<br><br>Hemm tendenza illum il-gurnata f'kull trasmissjoni li xxaqleb lejn din in-naha |
| MAD DELILE | Mela c-cansijiet taghna ma tantx huma kbar |
| BEATRICE | Fil-process finali ta' l-ghazla jidhlu certi elementi li Vincent ma jafda lil hadd dwarhom<br><br>Hu biss jaf |